30 ta' Lulju, 1952

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Paolo Bartolo *versus* Giuseppe Grech**

**Servitù ta' Stilliċidju — Ilma — Art. 440 tal-Kap. 23.**

*Il-fond li jinsab f'livell aktar baxx minn fond ieħor huwa suġġett li jilqa' l-ilmijiet u kwejjeġ oħra li mill-fond superjuri jnixxu jew jaqgħu weħedhom fih mingħajr il-fatt tal-bniedem; u sid dak il-fond ma jistax jagħmel ebda ħaġa li tista' żżomm dik it-tnixxija jew*

*twaqqiegħ; fil-waqt li sid il-fond superjuri ma jista' jagħmel ebda ħaġa li tirrendi iżjed gravuża dik is-servitù.*

*U għalhekk sid il-fond superjuri, anki jekk ma jkunx hemm mnejn l-ilma mill-fond tiegħu jmur fil-fond inferjuri, jista' dejjem jiġi awtorizzat li jagħmel xi ħaġa biex l-ilma mill-fond tiegħu jaqa' hekk naturalment fil-fond inferjuri.*

*Imma dejjem irid ikun ilma li jaqa' naturalment mingħajr il-fatt tal-bniedem, u dejjem huwa vjetat lil sid il-fond superjuri li jagħmel ħwejjeġ li jirrendu aktar gravuża dik is-servitù.*

*Għaldaqstant is-sid ta' fond li għandu dritt jirriversa l-ilma tax-xita għal ġo fond ieħor, ma jistax jippretendi li flimkien ma' dak l-ilma jirriversa wkoll ilma tas-sapun mill-bitħa tiegħu u ħwejjeġ oħra li huma prokurati mill-fatt tal-bniedem.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-għalqa tal-konvenut li tinsab il-Marsa, Jesuits' Hill, għandha tirċievi l-ilma li jinġabar mill-bitħa ta' l-attur f'St. Bernard's Street, numru 6, u li jgħaddi miż-żewġ toqob li minn dejjem kienu jeżistu fil-ħajt li jaqsam il-proprjetà tal-kontendenti; u illi l-konvenut qiegħed jikkontesta lill-attur dan id-dritt; previja kwalunkwe opportuna dikjarazzjoni u meħud kwalunkwe provvediment opportun, talab illi jiġi dikjarat u deċiż li l-fond fuq imsemmi ta' l-attur igawdi servitù fuq il-għalqa fuq imsemmija tal-konvenut ta' stilliċidju, billi l-ilma li jinġabar fil-bitħa tal-fond ta' l-attur għandha tirċevih l-għalqa tal-konvenut, wara li jgħaddi miż-żewġ toqob li minn dejjem kienu jeżistu fil-ħajt li jaqsam il-proprjetà tal-kontendenti; u għalhekk l-attur jiġi awtorizzat jerġa' jiftaħ it-toqob li kienu jeżistu fil-ħajt li jaqsam il-proprjetà tal-kontendenti, u li huwa kien għalaq in vista ta' l-azzjoni ta' spoll li għamillu l-konvenut, li ġiet deċiża minn dina l-Qorti fit-18 ta' Diċembru 1951. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li l-attur huwa proprjetarju tal-fond imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, li l-bitħa tiegħu tmiss mal-għalqa tal-konvenut, li tinsab f'livell iżjed baxx minn dik il-bitħa. Il-fond ta' l-attur inbena xi 38 sena ilu, u qabel kien hemm f'loku għalqa, u l-ilma li kien jaqa' fuqha kien jaqleb fuq l-għalqa li hija l-lum tal-konvenut. Iż-żewġ għelieqi kienu allura pro-

prjetà ta' Giuseppe Agius, u wara l-mewt ta' dan għaddew għand il-werrieta tiegħu. Waħda mill-istess għelieqi ġie mibni *fuqha l-fond ta' l-attur,* li xtrah b'subasta xi ftit taż-żmien ilu. Il-konvenut xtara l-għalqa tiegħu fis-sena 1931, u dina l-għalqa għadha kif kienet minn dejjem. Meta nbena l-fond ta' l-attur, il-ħajt tal-bitħa li jiddividih mill-għalqa tal-konvenut ġie mibni doblu b'sejjieħ. Fi *żmien* l-aħħar gwerra dan il-ħajt waqa', u meta reġa' ġie mibni ġie mtalla' b'kantun. Il-ħajt il-ġdid ġie mtalla' fis-sena 1942;

Illi jirriżulta soddisfaċentement mill-provi illi minn mindu nbena l-fond fuq imsemmi kien hemm fil-ħajt tal-bitħa, min-*naħa ta' l-istess bitħa, żewġ toqob; apparti toqba oħra* qudddiem il-maqjel, li mhijiex oġġett ta' meritu ta' dina l-kawża;

Illi l-konvenut jaqbel ma' l-attur illi l-għalqa tiegħu hija soġġetta versu dak il-fond għas-servitù ta' stilliċidju; biss huwa jallega *illi dawk it-toqob ma kienux jinfdu* fuq il-għalqa tiegħu, almenu minn meta l-ħajt inbena kantun. Dwar daqshekk jingħad illi, jekk mhux iż-żewġ toqob, kienet teżisti minfuda waħda żgur, kif xehdet Giuseppa Grech, mart il-konvenut, u kif ġie wkoll konstatat fl-aċċess fuq imsemmi. Fuq kollox, la-*darba ġie pruvat li minn dejjem kienu jeżistu dawk iż-żewġ* toqob, anki meta l-ħajt kien mibni b'sejjieħ, ma jidherx li dawn iż-żewġ toqob ma kienux jinfdu għan-naħa tal-għalqa; biss jidher illi l-konvenut ma kienx josservahom biżżejjed, bil-*li l-ħajt allura kien kollu xquq* billi kien mibni b'dak il-mod. Hu xinhu, ladarba l-konvenut jammetti s-soġġezzjoni tal-fond tiegħu li jirċievi l-ilma mill-fond ta' l-attur, l-ilma tal-bitħa għandu jaqa' fuq il-għalqa tal-konvenut; u illi l-ilma jaqgħax minn toqba waħda jew minn tnejn ma għandux jagħmel dif-*ferenza għall-konvenut;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 440 tal-Kodiċi Civili l-għalqa tal-konvenut, billi tinsab f'livell aktar baxx mill-fond ta' l-attur, hija *suġġetta li tilqa' l-ilmijiet u ħwejjeġ oħra* li mill-bitħa ta' l-attur jinixxu jew jaqgħu weħedhom, mingħajr il-fatt tal-bniedem. Il-konvenut ma jista' jagħmel ebda ħaġa li tista' żżomm dik it-tnixxija jew twaqqiegħ; u l-attur ma jistax lanqas jagħmel ebda ħaġa li tagħmel iżjed gravuża s-servitù tal-għalqa tal-konvenut. *U għalhekk,* anki kieku *qatt ma kien hemm dawk* it-

toqob. l-attur kien jiġi dejjem awtorizzat li jagħmel xi ħaġa biex l-ilma li jaqa' naturalment fil-bitħa tiegħu jmur fl-għalqa tal-konvenut (arg. Vol. XVIII—II—164);

Però, kif ingħad, dawn it-toqob għandhom iservu biss għall-ilma li jaqa' "naturalment", jiġifieri mingħajr il-fatt tal-bniedem. u l-attur ma jista' jagħmel xejn li jirrendi aktar grava dik is-servitù (Vol. XXIX—II—590), bħal meta jgħid li anki l-ilma tas-sapun, jew dak tal-ħasil tal-bitħa, għandu jinżel ukoll minn dawk it-toqob u jmur fl-għalqa tal-konvenut. Dan ma għandux ikun hekk: il-fond inferjuri huwa suġġett li jirċievi biss, in forza ta' din is-servitù, l-ilmijiet li jiskulaw "naturalment" mill-fond superjuri, mingħajr ma jkun bl-ebda mod ikkontribwixxa għal dak l-iskol ta' l-ilmijiet il-fatt tal-bniedem (Laurent, Diritto Ċivile, Vol. VIII, para. 67; Ricci, Diritto Civile, Vol. II, para. 290). Konsegwentement hija ġusta s-sottomissjoni tal-konvenut illi mill-fond ta' l-attur ma għandux jaqa' fl-għalqa tiegħu ilma maħmuġ u kwalunkwe ilma ieħor li ma jkunx derivanti minn ħaġa naturali (Coen, Servitù, para. 832, 866). Imma m'hijiex attendibili s-sottomissjoni tal-konvenut illi l-attur għandu d-dritt biss li jwaqqa' l-ħajt tal-kantun u jerġa' jibnieh bis-sejjieħ kif kien qabel; u dan għaliex biż-żewġ toqob fil-ħajt tal-kantun, kif jinsabu l-lum, is-servitù tal-għalqa tal-konvenut ma saretx aktar gravi milli kienet meta dak il-ħajt kien minn naħa kollu mtaqqab, billi kien magħmul bis-sejjieħ;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi l-kawża fis-sens illi tiddikjara illi l-fond ta' l-attur igawdi servitù ta' stilliċidju fuq il-għalqa tal-konvenut, billi l-ilma li jinġabar naturalment fil-bitħa tal-fond ta' l-attur għandha tirċevieh l-għalqa tal-konvenut wara li jgħaddi miż-żewġ toqob li minn dejjem kienu jeżistu fil-ħajt li jaqsam il-proprjetà ta' l-attur u tal-konvenut; u konsegwentement tawtorizza lill-attur jerġa' jiftaħ dawk iż-żewġ toqob li jeżistu fil-ħajt fuq imsemmi, biex minnhom ikun jista' jgħaddi dak l-ilma li jinġabar fil-bitħa naturalment u jmur fil-għalqa tal-konvenut;

Minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, l-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti nofs kull wieħed.